Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,610, 20 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 174 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work, taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 32 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Minbarra li jkollhom waħda mill-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, l-applikanti:

(a) għandhom ikollhom esperjenza relatata mal-kura soċjali kif ġej:

(i) l-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa li jkollhom minimu ta' 150 siegħa ta' esperjenza; u

(ii) l-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa li jkollhom minimu ta' 500 siegħa ta' esperjenza;

(b) l-esperjenza stipulata fis-sotto-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (2)(a) trid tkun ġiet miksuba fuq perijodu massimu ta' għaxar snin immedjatament qabel il-bidu tal-Kors. L-applikanti għandom jipprezentaw ittra jew ittri ta' attestazzjoni li turi/juru li huma kisbu l-esperjenza meħtieġa;

(ċ) għandhom jippreżentaw riflessjonijiet bil-miktub dwar l-esperjenza relatata mal-kura soċjali waqt intervista;

(d) m'għandhomx ikunu inklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri (CAP. 518); u

(e) għandhom juru li għandhom il-kapaċità u d-dispożizzjoni neċessarji biex isegwu l-Kors bi profitt."